MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru 126/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca u Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs.**

**Joswa Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joswa Fenech ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Tarcisio u Salvina neè Azzopardi, imwieled Pietà fis-7 ta' Ottubru 1983 u residenti Nru. 84, Triq Santa Katerina, Qormi, detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 584083(M) talli: fid-29 ta' Dicembru 2010, ghall-habta ta' 11:30 ta' filghaxija minn Triq Guzè Pace, Santa Venera, flimkien ma' persuna/i ohra, ikkommetta serq ta' vettura Toyota Liteace bin-Numru tar-Registrazzjoni DAU-105, liea serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u

disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Anthony Casha u/jew ta’ persuna/i ohra; u ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D. nhar il-15 ta’ Ottubru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjali Prosekuturi u rat l-atti l-ohra kollha ta’ dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u kkoncedieltu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija tant illi l-vettura misruqa giet rintraccjata u ritornata lil sidha;

Ghalhekk wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 49, 50, 261, 263(a), 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a) u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fid-dawl ta’ l-ammissjoni tieghu issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu izda, billi f’dan il-kaz jissussistu r-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin mid-data ta’ din is-sentenza u dana taht dawk il-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta’ Probation datat 10 ta’ Jannar 2011, anness ma’ din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem semplici l-konsegwenzi li jkun hemm f'kaz li jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' tlett (3) snin probation.

A tenur ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-Ordni ta' Probation datat 10 ta' Jannar 2011 jigi notifikat lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jassenja l-ufficjal ta' probation li ser ikun responsabbli mill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------